TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviz Numru CCT 40/15/GB

**Andre' Grima**

**vs**

**GO plc**

Illum 15 ta' April 2015

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-23 ta' Frar, 2015 fejn ir-rikorrent talab kumpens fl-ammont ta' elf u hames mitt Ewro (€1,500.00), rapprezentanti telf ta' informazzjoni importanti, skarigg u hela ta' hin.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent, li huwa l-istess rikorrent, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Lura ghall-bidu ta' Ottubru 2014, ir-rikorrent kien mar il-'branch' tas-socjeta' ntimata gewwa Paola sabiex jissospendi s-servizzi tieghu ghal ftit xhur, peress li hu u l-mara kienu ser jaghmlu xi zmien barra mid-dar. Hemmhekk, huwa gie nformat li kellu jiehu l-apparat kollu tas-socjeta' ntimata lura fl-ufficcju taghha. Ir-rikorrent staqsa ghalfejn kellu jaghmel dan meta fi ftit xhur kellu jerga' juza l-istess apparat, izda r-rapprezentanti kienu talbuh li jirritorna kollox, u fil-fatt huwa kien ghamel dan ftit granet wara.

Kif is-servizz gie sospiz, ir-rikorrent skopra immedjatament li s-servizzi kollha kienu gew maghluqa, bil-konsegwenza li l-email principali tieghu li jahdem bih kien gie maghluq ukoll. Huwa kien cempel mill-ewwel il-'customer care' fejn it-teknici kienu fethulu 'case' u qalulu li kien possibbli li jaghtuh lura dan is-servizz, biss kellhom jistennew konferma minghand l-

operat tal-'branch' ta' Paola. Fil-fatt, ftit ta'snin ilu kienu ghamlu 'recovery' tad-'data' tar-rikorrent mitlufa wara hsarat li s-socjeta' ntimata kellha fis-'servers' taghha. L-ghada stess, ir-rikorrent rega' kkuntattja s-socjeta' ntimata b'diversi modi, inkluz permezz ta' email, telefonati u anke rega' mar hemm, izda r-rapprezentant ghal darb'ohra kien ikkonferma li kollox kien 'ok' u li kien se jkellmu lura. Xorta ghal darb'ohra, ir-rikorrent baqa' bla risposta. L-istorja baqghet sejra ghal ftit zmien mhux hazin, b'kuntatti ma' bosta rapprezentanti tas-socjeta' ntimata, fejn fl-ahhar huwa qata' qalbu. Hemmhekk kellu konferma minghand rapprezentant iehor fejn gie nformat li dan issa ma kienx aktar possibbli peress li kien ghadda hafna zmien. Gie kkonfermat li dan seta' jsir li kieku l-azzjoni ttiehdet fl-ewwel gimgha ta' meta s-servizz gie sospiz.

Fil-bidu ta' dan il-kaz, kull ma kien talab ir-rikorrent kien li s-socjeta' ntimata terga' taghtih lura d-'data' importanti, sensittiva u kunfidenzjali li kellu fis-servizz tal-'webmail' li kellu mas-socjeta' ntimata ghal dawn l-ahhar ghaxar snin. Issa, ir-rikorrent qed jitlob kumpens ta' mhux anqas minn elf u hames mitt Ewro (€1,500.00) ghat-telf ta' informazzjoni importanti li kellu, u ghall-iskarigg u t-tul ta' zmien sabiex kaz li kien jidher bhala semplici jiehu daqshekk fit-tul.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

1. Fl-ewwel lok jinkombi fuq ir-rikorrenti li jipprovdi informazzjoni u dokumenti li fuqhom qieghed jibbaza t-talba tieghu.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, tecepixxi, in linja preliminari, n-nuqqas ta' kompetenza ta' dan it-Tribunal milli jisma' u jiddeciedi fuq it-talba tar-rikorrenti u dan kif ser jigi spjegat ahjar waqt is-smiegh tal-kawza;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu, it-talba tar-rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u fl-umli fehma tas-socjeta' esponenti ghandha tigi michuda bl-ispejjez.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-Ligi.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub, fejn fuq domanda tat-Tribunal, huwa kkonferma li l-kuntratt li kien iffirma mas-socjeta' ntimata, fuq talba tieghu li s-servizz jigi sospiz, kien fil-fatt kuntratt ta' kancelliment tas-servizz, liema kuntratt gie ffirmat minnu, pero' li hu rrealizza biss wara, li kien ghal kancelliment u mhux sospenzjoni.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata, fix-xhieda guramentata taghha, regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, fejn żiedet tistqarr illi 'suspension form' ma tezistix, imma tezisti biss 'cancellation form'.

Is-socjeta' ntimata ezebiet kopja tat-'termination form', li giet immarkata bhala Dok.GO1; dokument li juri l-'activation' tas-servizz li sussegwentement gie terminat f'Ottubru 2014, li gie mmarkat bhala Dok.GO2; u dokumenti ohrajn, li gew immarkati bhala Dok.GO3 u Dok.GO4.

Fir-rigward tat-tieni eccezzjoni sollevata mis-socjeta' ntimata, jigi rilevat illi mill-avviz innifsu, u kif gie sussegwentement imfisser waqt it-trattazzjoni tal-kawza, it-talba tar-rikorrent tirrigwarda danni morali b'konsegwenza ghall-allegat nuqqas ta' servizz da parti tas-socjeta' ntimata, liema kwistjoni taqa' carament taht il-kompetenza ratione materiae ta' dan it-Tribunal, u ghalhekk it-Tribunal qed jichad it-tieni eccezzjoni tas-socjeta' ntimata.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, u fuq ezaminazzjoni tal-provi prodotti, jikkonkludi illi ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti tas-socjeta' ntimata fis-servizzi taghha lejn ir-rikorrent konsumatur. Irrizulta ampjament car mill-provi, illi r-rikorrent kien accetta t-termini u l-kundizzjonijiet hekk kif dedotti meta kien iffirma l-kuntratt originali mas-socjeta' ntimata, datat 11 ta' Mejju 2010 (ezebit in atti u mmarkat Dok.GO3). L-istess jinghad dwar meta r-rikorrent iffirma t-'termination form' datata 2 ta' Ottubru 2014, liema formola giet iffirmata mir-rikorrent minn jeddu, u ghalhekk is-socjeta' ntimata ma tistax tinzamm responsabbli ghall-dak li ammetta r-rikorrent stess fix-xhieda guramentata tieghu illi: *"Hin biex naqrahom qabel ma niffirma ma kellix u iffirmajt minghajr ma qrajthom"*. Illi ghalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet, it-Tribunal qed jichad it-talba tar-rikorrent, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrent.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**